## Stqarrija Stampa

## Is-Sitt Konferenza Annwali tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, 4 ta' Ġunju 2010

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza organizzat is-sitt Konferenza Annwali fl-4 ta' Ġunju 2010 fil-lukanda The Palace, Tas-Sliema, li kienet indirizzata mill-Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Dolores Cristina. L-iskop ta' din il-konferenza kien li tingħata ħarsa kemm lejn l-iżviluppi li seħħew fl-2009, kif ukoll lejn il-miri tal-ġejjieni biex tkompli tissaħħaħ l-ugwaljanza fis-soċjeta' kollha.

Il-Kummissarju tal-NCPE, Dr Janet Mifsud introduċiet il-Konferenza u tkellmet dwar l-impenn u l-ħidma tal-Kummissjoni biex tkompli tqajjem kuxjenza u żżid l-għarfien dwar it-trattament indaqs mal-partijiet ikkonċernati kollha. Dr Mifsud tkelmet dwar ir-rwol tal-NCPE li jipprovdi assistenza lill-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-proġetti bħala parti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) u mill-Fond Soċjali Ewropew (ESF) biex jiggarantixxu l-prinċipju tal-ugwaljanza fil-proġetti proposti. Minn barra dan, il-Kummissarju tat ħarsa lejn l-iżviluppi li seħħew fl-investigazzjoni tal-ilmenti u kif il-proċedura tal-ilmenti kienet imsaħħa matul is-snin.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, Therese Bugeja spjegat fid-dettal il-ħidma tal-NCPE matul l-2009, fosthom l-inizjattivi li ġew imħejjija mill-NCPE bl-għan li jkomplu jqajmu kuxjenza u jkomplu jżidu l-għarfien ta' gruppi differenti permezz tat-tixrid ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u d-dmirijiet relatati mat-trattament indaqs. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv tkellmet dwar l-għanijiet u l-istadji tal-proġetti ko-finanzjati mill-UE li ħadmet fuqhom l-NCPE matul is-sena kif ukoll dwar l-impenn tal-NCPE li joffri taħriġ lil gruppi differenti dwar suġġetti relatati mal-mandat u mar-responsabbiltajiet tiegħu. Hi tat ukoll spjega ta' aspetti oħra tal-ħidma tal-NCPE, bħall-assistenza li tingħata lil persuni li jħossuhom diskriminati permezz tal-investigazzjoni tal-ilmenti; il-ħidma fuq talbiet għal informazzjoni dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni li l-Kunsill jirċievi mingħand entitajiet diversi u mingħand il-pubbliku ġenerali; kif ukoll dwar ir-riċerka li nediet l-NCPE matul is-sena.

Dr Therese Comodini Cachia, iddeskriviet fid-dettall il-funzjoni tal-NCPE fir-rigward tal-investigazzjoni tal-ilmenti. Hi fissret il-liġijiet li jirregolaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-impjieg u fl-edukazzjoni, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u bejn ir-razzez fl-aċċess u l-għoti tas-servizzi u l-oġġett. Semmiet ukoll l-istadji differenti tal-proċedura tal-ilmenti, u s-setgħat tal-NCPE biex

tassisti lil min iħossu diskriminat u tipprovdi rimedji  Apparti hekk, punti li ġew imqanqla mill-ilmenti ġew ippreżentati biex titqajjem kuxjenza u jiġu replikati prattiċi tajba relatati mal-prevenzjoni tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u mal-użu tal-miżuri favur il-familja.

Marika Fsadni, riċerkatriċi fuq il-proġett ko-finanzjat mill-UE, *FSE – 3.47 Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara*, ippreżentat l-elementi tar-riċerka li se jiġu mnedija bħala parti minn dan il-proġett.  Waqt din il-preżentazzjoni ġew spjegati l-għanijiet u l-istadji ta' din ir-riċerka, li r-riżultati tagħha ser jipprovdu informazzjoni importanti dwar aspetti diversi relatati mal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol lill-persuni li jifformulaw il-politika.

Għal aktar informazzjoni fuq il-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, tistgħu tagħmlu kuntatt mal-kummissjoni fuq equality@gov.mt jew fuq 2590 3850.